Kunsill Lokali Ħal Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

---

**MINUTI TAL-WIEĦED U ERBGĦIN LAQGĦA TAS-SITT KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** Il-Erbgħa, 15 ta' Diċembru 2010

**Ħin:** Mis-5.35pm sad-8.55pm

**Prezenti:** It-Tabib J. Zammit Montebello (wasal fis-5.40pm)
Is-Sur Joseph Mary Galea
L-Avukat Trevor De Giorgio
Is-Sur J. Cassar
Is-Sur Guido Borg

Peres li s-Sindku kien għadu ma wasalx u kien hawn quorum il-Viċi-Sindku ħa s-siġġu u l-laqgħa bdiet.

**1. Approvazzjoni tal-Minuti ta' l-Erbgħin laqgħa tas-Sitt Kunsill.**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-minuti ta' l-Erbgħin laqgħa tas-Sitt Kunsill, ta' nhar il-Erbgħa, 23 ta' Novembru 2010 (mehmuza). Kopja tal-minuti ngħatat lill kull kunsillier qabel il-laqgħa.

**F'dan il-ħin wasal is-Sindku u ħa s-siġġu.**

Il-Minuti ta' l-Erbgħin laqgħa tas-Sitt Kunsill, ta' nhar il-Erbgħa, 23 ta' Novembru 2010 kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsillier J. Cassar li kien issekondat mill-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv ffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**2. Mill-Minuti.**

1. Il-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio li kien issekondat mill-Kunsillier G. Borg talab li kopja ta' l-*email* li ġġib id-data tas-17 ta' Novembru 2010 indirizzata lis-Sur Carabott tkun mehmuza mal-minuti b'referenza għal-artiklu 1 taħt "8. Affarijiet Oħra" tal-Minuti ta' l-Erbgħin Laqgħa.

2. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi hija tkelmet mas-Sur Magro ta' l-AKl u dan infurmha li l-applikazzjoni għal-*bus shelter* lil-Transport Malta bagħha mhux lill-MEPA. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi l-Awtorita' tat-Trasport Pubbliku infurmatna llum li ser tqiegħed iż-żewġ *bus shelters* li talab il-Kunsill għal-Triq Guze Bonnici u l-Pjazza fi żmien qasir.

3. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi l-MEPA tixtieq li l-Kunsill jidentifika post fejn jitwaħħal *noticeboard* mal-ħajt ta' daqs 35" x 31" *aluminium* abjad u bil-ħġieġ, biex fih jitqiegħdu l-avvizi tal-MEPA dwar applikazzjonijiet ta' zvilupp li jsiru lill-MEPA. Il-Kunsill unanimament qabel li l-aħjar post huq mal-ħajt ta' l-Għassa fil-pjazza.

4. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi l-Wi-Fi mwiegħed għal-pjazza ser jiġi stallat fil-pjazza imma biex dan isir qed nistennew risposta mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija biex inqiegħdu l-kaxxa fuq l-faċċata ta' l-Għassa u nieħdu d-dawl minn hemm ukoll. Kif ikolna risposta nkunu nistgħtu nwaħħlu l-apparat.

5. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat liill-Kunsill illi fuq suġġeriment tal-Kunsillier G. Borg u wara konsultazzjoni mas-Sindku ntbagħtet talba għal-aktar fondi lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex tiġi rranġata l-istatwa ta' Santa Marija.

6. F'dan il-ħin il-Viċi-Sindku talab lill-Kunsill jisma lis-Sur J. Desira, ħaddiem tal-Kunsill biex jagħmel l-intervent tiegħu fuq it-talba għal-kumpens għal-ħsara li ġarrab fuq il-karozza privata tiegħu. Is-Segretarju Ezekuttiv talbet lis-Sur Desira jgħid lill-Kunsill x'ġara. Is-Sur Desira qal li mar jiġbor xi formoli għal-uffiċċju u pparkja l-karozza tiegħu quddiem "Boffa" fil-kantuniera u meta mar lura sab daqqa. Is-Segretarju staqsiet jekk il-karta li ta' għas-somma ta' €69.88 hiex stima jew kont - is-Sur Desira rrisponda li stima u li għadu ma rranġax il-ħsara. Meta ġie mistoqsi mis-Sindku jekk għamilx rapport l-Għassa huwa qal li le. F'dan il-ħin is-Sindku nnota li l-Kunsill ma jistax jagħti kumpens jekk il-proċeduri ma jiġux segwiti. Is-Sindku talab lis-Sur Desira jkelmu wara l-laqgħa u s-Sur Desira kien skuzat u ħareġ mill-kamra.

   Is-Segretarju Ezekuttiv innutat li hija kellha tqiegħed fuq il-mejda rapport dwar il-ħaddiema ssekondati mal-Kunsill u staqsiet jekk tagħmilx dan issa jew aktar tard skond l-agenda. Il-Kunsill unanimament qabel li r-rapport jitqiegħed fuq il-mejda f'dan il-ħin peres li l-*item* kien diġa beda jiġi diskuss. Ir-rapport tqiegħed fuq il-mejda (mehmuz). Kopja tar-rapport ingħata lill kull kunsillier qabel il-laqgħa.

   Is-Sindku nforma lill Kunsill illi llum ġie infurmat mill-Ministeru li saret speżżjoni l-bieraħ fuq il-ħaddiema ta' l-IPSL li huma ssekondati mal-Kunsill u li ma nstabux fuq il-post tax-xogħol u li dawn il-ħaddiema ser jittieħdu lura. Huwa qal li kiteb ittra fejn informa lis-superjuri tagħhom illi kull kommunikazzjoni dwar il-ħaddiema trid tiġi ndirizzata lilu fil-futur. Huwa nnota li b'mod immedjat l-ħaddiema jridu jiffirmaw l-attendenza quddiem il-Viċi-Sindku fis-7.00am u wara l-attendenza titella fl-uffiċċju biex fit-3.00pm il-ħaddiema jiffirmaw quddiem is-Segretarju Ezekuttiv u wara jniżżlu l-*file* lill-Viċi-Sindku biex ikun għandu l-għada filgħodu. Is-Sindku għamel emfazi illi l-ħaddiema ma jistawx jitilqu minn fuq il-post tax-xogħol qabel ma jiffirmaw.

   Is-Sindku għamel emfazi fuq il-bzonn li l-ħaddiema jilbsu s-*safety jackets* li jingħataw apposta meta jkunu fuq il-post tax-xogħol biex jidhru fit-triq u jevitaw periklu.

   Il-Kunsill iddiskuta l-kwistjoni ta' transport għal-ħaddiema u ser joħroġ *expression of interest* biex naraw min huwa interessat jipprovdi vetturi *environmentally friendly* għal-Kunsill.

   Il-Kunsill unanimament approva li jkopri lill-ħaddiema tal-Kunsill taħt il-polza ta' l-assigurazzjoni tal-Kunsill waqt li jkunu fuq xogħol mal-Kunsill.

   Il-Kunsill unanimament approva li tinkiseb stima għax-xiri ta' *jigger* biex jintuża mill-ħaddiema tal-Kunsill.

7. Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill stimi li jġibu d-data tal-15 ta' Diċembru 2010 għal-irranġar ta' *monitor* u għax-xiri ta' tlett *monitors* biex jinbidlu l-*monitors* kollha ta' l-uffiċċju. Il-Kunsill unanimament qabel li jbiddel il-*monitors* għax mhux vijjabbli li ssewwi meta llum *monitor* raħas ħafna.

**Is-Sindku talab sospenzjoni ta' l-agenda biex il-Kunsill jiddiskuti l-estimi peres li kien wasal l-*accountant* tal-Kunsill u l-għada ried isiefer. Il-Kunsill qabel unanimament li jiddiskuti l-estimi f'dan il-ħin.**

## 3. Estimi għas-Sena 2011.

L-Estimi *draft* għas-sena finanzjarja 2011 tqiegħdu fuq il-mejda tal-Kunsill (mehmuza). Kopja ngħatat lill kull kunsillier qabel il-laqgħa. Is-Sur M. Debono, l-*accountant* tal-Kunsill kien prezenti għal-laqgħa. Huwa qara l-estimi u wieġeb xi mistoqsijiet li saru.

L-estimi għas-sena finanzjarja 2011 kienu emendati kif jidher fuq id-dokument mehmuz. is-Segretarju Ezekuttiv għandha tagħmel l-emendi u tippreżenta kopja ġdida fil-laqgħa li jmiss għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

**Il-Kunsill skuza l-*accountant* mill-laqgħa u l-Kunsill kompla bl-agenda.**

## Mill-Minuti (tkomplija).

8. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi l-Kunsillier G. Borg xtaq jiġbed l-attenzjoni għal-bżonn li ssir *zebracrossing* fi Triq Idmejda ħdejn il-bank HSBC għax diffiċli bi anzjan jaqsam. Il-Kunsill innota li l-post indikat jista jkun perikuluz biex taqsam minħabba li hemm il-*parking* imma s-Segretarju Ezekuttiv għandha tikkommunika ma l-Awtorita' tat-Trasport ta' Malta biex tara jekk jistax jsir xi ħaġa.

9. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi ppreparat *draft* ta' *petition* għall-approvazzjoni tal-Kunsill u dan fir-rigward tal-petizjzoni dwar *flooding* tal-Wied ta' Ħal Balzan li ser tiġi ffirmata għada. Id-*draft* tal-*petition* ġie approvat unanimament. Il-Kunsill talab lis-Segretarju Ezekuttiv titlob lill-Kappillan biex jagħmel avviz wara l-quddies biex jinforma lill-pubbliku li l-petizzjoni tista tiġi ffirmata fuq iż-żuntier nhar is-Sibt, 18 ta' Diċembru 2010 bejn il-5.00pm u s-7.15pm u nhar il-Ħadd, 19 ta' Diċembru 2010 bejn id-9.00am u nofsinhar.

10. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi reġgħet saret talba biex jitneħħa l-ħawt li hemm fuq il-bankina fi Triq it-Tliet Knejjes għax qed jostakola l-bankina u ħadd ma jista jgħaddi. Il-Kunsill innota li diġa ħa deċiżjoni fuq din il-materja u xejn għadu ma nbidel.

11. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi l-laqgħa tal-Lokalita' saret fit-2 ta' Diċembru 2010 fis-7.00pm fil-Kazin San Gabriel u qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill kopja tal-minuti tal-laqgħa.

12. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi l-*gazebo* bdiet tiġi stallata fil-post nhar it-Tnejn, 13 ta' Diċembru 2010 u x-xogħol għadu għaddej fuqha.

13. Il-Viċi-Sindku nforma lill-Kunsill illi huwa għamel rapport lill-pulizija dwar żagħżugħ ta' tlettax il-sena wara li xi persuni infurmawħ li dan iż-żagħżugħ kien qed jagħmel atti vandali fil-*playing field* billi ħaraq il-ħajt tat-taraġ.

14. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi s-Sna Castillo Refalo li kienet l-*instructress* l-aħħar *aerobic classes* tista tagħti l-lezzjonijiet tas-sensiela l-ġdida li l-Kunsill xtaq jorganizza u qed titlob €19 inkluz il-VAT għal-kull sessjoni. Il-Kunsill unanimament qabel li jibda l-lezzjonijiet fi Frar 2011 u jsiru t-Tlieta fis-6.00pm. Is-Segretarju Ezekuttiv għandha tistaqsi jekk hiex lesta u tistax tiġi użata c-*changing room* tal-grownd tal-football fi Triq Robert Mifsud Bonnici, Ħal Lija u jekk le l-lezzjonijiet isiru fil-Sala Aurora.

15. Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill il-minuti ta' laqgħa li saret fis-17 ta' Novembru 2010 "Meeting with the Balzan Business Community Regarding SEAP" (mehmuza). Kopja ngħatat lill kull kunsillier qabel il-laqgħa.

16. Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill il-minuti ta' laqgħa li saret fl-24 ta' Novembru 2010 ma rapprezentanti ta' Greenpak (mehmuza). Kopja ngħatat lill kull kunsillier qabel il-laqgħa.

17. Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill il-minuti tal-Laqgħa tal-Lokalita' 2010 li saret fit-2 ta' Diċembru 2010 (mehmuza). Kopja ngħatat lill kull kunsillier qabel il-laqgħa.

## 4. <u>Korrispondenza.</u>

Tqiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill xi korrispondenza li waslet bejn l-24 ta' Novembru 2010 u l-15 ta' Diċembru 2010 u rapport tal-korrispondenza li ġietipprezentata li ġġib id-data tal-15 ta' Diċembru 2010 (mehmuz).

**Ittra bla numru u 1201:** L-ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar "Belt Kapitali Ewropea tal-Kultura 2018 ġiet innutata. Il-Kunsill unanimament qabel li għandu jiffirma. Il-Kunisllier Dr. T. DeGiorgio ser jirrapreżenta lill-Kunsill waqt il-laqgħa ta' informazzjoni.

**Ittra Numru 1212:** L-ittra tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar *tipping fees* ġiet innutata.

**Ittra Numru 1211 u 1203:** L-ittra tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Skema dwar inizjattivi ta' attivitajiet 2011 ġiet innutata. Il-Kunsilli Lokali ta' Ħ'Attard u Ħal Balzan ser jorganizzaw attivita' flimkien.

**Ittra Numru 1210:** L-ittra ta' l-avukat M. Fenech b'risposta dwar il-ħsara li ġarrab il-ġar waqt l-għargħar ta' Ottubru 2010 ġiet innutata.

**Ittra Numru 1209:** L-ittra ta' l-Enemalta dwar *talk* dwar *smart use of energy* ġiet innutata. Il-Viċi-Sindku ser jattendi.

**Ittra Numru 1208:** L-ittra tas-Sna Griscti Soler b'risposta għall-ittra tal-Kunsill dwar *claim* għal-ħsara li għamlet ġiet innutata. Il-Kunsill innota li l-pozizzjoni tal-Kunsill għadha l-istess.

**Ittra Numru 1206:** L-ittra mingħand Transport Malta dwar *Single yellow line and No Parking (No Waiting) signs* fi Triq Sant Antnin, Balzan ġiet innutata. Il-Kunsill unanimament qabel li għandhom jitqiegħdu t-tabelli u jsiru l-marki tat-toroq.

**Ittra Numru 1205:** L-ittra mingħand Transport Malta dwar *Traffic Mirror* in Triq Cardinal Cardijn, Balzan ġiet innutata. Il-Kunsill unanimament qabel li għandha titqiegħed il-mera.

**Ittra Numru 1204:** L-ittra mill-iskola Primarja Lija – Balzan – Iklin dwar Carol Service ġiet innutata. Il-Kunsill unanimament approva li jħallas l-ispejjes ta' gwardjan lokali biex jagħalaq Triq il-Kbira.

**Ittra Numru 1197:** L-ittra ta' resident dwar l-istatwa ta' Santa Marija ġiet innutata. Il-Kunsill innota li diġa għandu xi fondi għar-restawr u qed jistenna risposta mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali wara li għamel talba għal-aktar fondi. Il-Kunsill innota li fl-estimi alloka somma għar-restawr ta' l-istatwa ukoll u nittamaw li din tiġi restawrata s-sena d-dieħla.

**Ittra Numru 1190:** L-ittra ta' resident dwar pparkjar fi Triq il-Papa Alessandru VII ġiet innutata. Il-Kunsill innota li ladarba għadu ma nbidel xejn fil-liġi ma jistax jitlob li jsiru *parking bays* fi Triq il-Papa Alessandru VII għaliex it-triq dejqa għal-*parking* u traffiku fiż-żewġ direzzjonijiet.

**Ittra Numru 1177:** L-kwotazzjoni għax-xiri ta' qsari mitluba fl-aħħar laqgħa ġiet innutata. Il-Kunsill unanimament qabel li jixtri 10 *planters*, mudell numru 30, prezz €89.06 il-waħda għal-Triq B. Bontadini.

**Ittra Numru 1171:** Ir-rapport ta' l-Awditur Ġenerali dwar il-Kunsilli Lokali ġie nnutat

**5. <u>Kommunikazzjoni tas-Sindku.</u>**

1. Is-Sindku informa lill-Kunsill illi s-Sur Gauci ta' "Villa Carmar" fi Triq l-Imdina wrieħ dokument li minn naha tiegħu wrieħ lill-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio u dan id-dokument antik jindika li huwa permess għal-uffiċċju. Il-Kunsill unanimament qabel illi jekk hemm dokument li juri li hemm permess għal-uffiċċju l-Kunsill mhux ser jmur kontra permess validu imma jekk hemm bżonn li jsir *change of use* biex ikun kopert bil-permess għall-uffiċċju, l-Kunsill jinsisti li l-proċedura normali għal-*change of use* trid issir u l-Kunsill iressaq l-oġġezzjonijiet tiegħu skond il-proċeduri normali peres li din hija arja ta' vilel.

2. Il-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio nnota li ħafna drabi l-Għassa ta' Ħal Balzan qed tkun mgħaluqa meta jsiru atti vandali fil-*playing field* u issa li qed tiġi mqiegħda *gazebo* ġdida ma nixtiequx li ssirilha ħsara b'atti vandali. Huwa nnota wkoll illi fi Triq Sisner u fi Triq San Valentinu filgħaxija qed jidhru emigranti jittalbu. Il-Kunsill talab lis-Segretarju Ezekuttiv tibgħat ittra f'dan is-sens lis-Superintendent ta' l-Għassa ta' Birkirkara u tibgħat kopja lil min jieħu ħsieb l-immigranti fiċ-Ċentru ta' Triq Idmejda, lill-Kummissarju tar-Refugjati u lill-Ministru C. Mifsud Bonnici.

3. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi huwa u l-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio ltaqgħu ma l-Onor. J. Azzopardi fit-30 ta' Novembru 2010 fejn ġew infurmati illi sa tmiem din is-sena l-garaxx tal-Joint Office li hemm fi Triq Mons. F. X. Zahra ser jiġi devolut lill-Kunsill. Dwar l-art f'Wesgħa l-Professur Guze' Aquilina huma nfurmaw lill-Onor Azzopardi dwar is-sitwzzjoni fejn il-Kunsill ma jistax jimxi l-quddiem minħabba li hemm kawza fil-Qorti. L-Onor Azzopardi ppropona li l-Gvern joħroġ *letter of intent* lill-Kunsill bil-kundizzjonijiet li jrid jaċċetta l-Kunsill fejn l-Gvern jikkommetti ruhu li jiddevolvi l-art lill-Kunsill. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li bagħat ittra lid-Dipartiment ta' l-Artijiet dwar kif għandna nipproċedu (mehmuza) u f'dan l-istadju qed nistennew risposta.

   Il-Kunsillier G. Borg staqsa jekk jistax jkun provdut *night shelter* fil-proġett imsemmi. Il-Kunsill innota li apparti l-fatt li dan ma kienx inkluz fl-*outline development permit* u apparti l-fatt li trid spazju biex isir hemm il-kwistjoni ta' *staff* mediku u *nurses* li tkun trid biex jingħata servizz, għaldaqstant f'dan l-istadju ma jistax isir *night shelter*.

## 6. *Business Plan* għat-Tlett snin 2011-2013.

Peres li l-estimi għadhom ma homiex approvati, l-*Business Plan* għat-tlett snin 2011-2013 jrid jiġi *updated* skond il-estimi li għad iridu jiġu approvati u għaldaqstant jitressaq fil-laqgħa li jmiss.

**F'dan il-ħin il-laqgħa ġiet aġġornata sabiex is-Segretarju Ezekuttiv tipprepara ċ-ċekkijiet ta' l-allowance tal-Kunsilliera.**

## 7. Rapporti ta' l-Effiċienża ta' l-Impjeġati tal-Kunsill.

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu r-rapporti ta' l-Effiċjenza għas-sena 2010 fir-rigward ta' l-impjegati tal-Kunsill, s-Sinjura M. Casha u s-Sinjorina D. Farrugia. Tqiegħdu ukoll fuq il-mejda tal-Kunsill, estratti mill-avviż legali 127 ta' l-1998 (artiklu 19) u minn avviz legali 64 ta' l-2001 (artiklu 3) li jinsabu mehmuza, kopja ta' dawn l-istess estratti ingħatat lill kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Il-Kunsill unanimament approva li s-Sna M. Casha tingħata *performance bonus* ta' 3% tas-salarju tagħha filwaqt li s-Sna D. Farrugia tingaħta *performance bonus* ta' 4% tas-salarju tagħha.

## 8. Diskussjoni dwar offerti mitfugħa għal-Ġbir ta' Skart – R.C. 2/10

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħed l-*file* li fih l-iskedi ta' l-offeri li ntefgħu fir-rigward ta' l-offerti għal-Ġbir ta' Skart – R.C. 2/10 (mehmuza). Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet skeda li turi aktar dettalji dwar l-offerta. Kopja ta' l-iskedi ngħatat lill-kull Kunsillier qabel il-laqgħa. Il-Kunsill ma ddiskutiex din l-item minħabba f'nuqqas ta' ħin.

## 9. Rapport dwar l-ilmenti.

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħed ir-rapport ta' l-ilmenti li jġib id-data tal-15 ta' Diċembru 2010 (mehmuz).

**Ilment Numru 17010037124498:** Talba biex il-*parking* isir fuq naha taħda ta' Triq Sisner. Il-Kunsill innota li jekk nitolbu għal-*parking* fuq naha waħda tat-triq il-*parking* taż-żewġ naħat tat-triq jintilef peres li t-triq hija dejqa għal-traffiku fiż-żewġ direżżjonijiet. Il-Kunsill unanimament qabel li jestendi t-tul tad-*double yellow lines* li hemm fil-kantunieri ta' Triq Sisner.

**Ilment Numru 17010009135322:** Talba biex jitqiegħed bank flok il-kjosk ta' ħdejn il-Ġonna ta' San Anton. Il-Kunsill innota li l-kjosk reġgħet tqiegħed wara li kienet saritilha l-ħsara u ma hemmx fejn isir bank.

**Ilment Numru 17010009135355:** Talba li ssir xi ħaġa peres li meta jipparkjaw il-vetturi fi Triq B. Bontadini dawn qed jostakolow il-bankini bil-*bumpers*. Ara deċizjoni aktar kmieni waqt il-laqgħa taħt "Korrispondenza", ittra numru 1177.

**Ilment Numru 17010016136057:** Talba biex fi Triq il-Papa Alessandru VII il-*parking* ikun rizervat għar-residenti u limitat għal-barranin. Ara deċizjoni aktar kmieni waqt il-laqgħa taħt "Korrispondenza", ittra numru 1190.

**Ilment Numru 17010096136343:** Talba biex tiġi restawrata l-istatwa ta' Santa Marija. Ara deċiżjoni aktar kmieni waqt il-laqgħa taħt "Korrispondenza", ittra numru 1197.

**Ilment Numru 17010026136517:** Ilment dwar daqq ta' muzika tal-Milied matul il-ġurnata kollha fl-arja tar-*roundabout* ta' Triq l-Għerusija. Il-Kunsill innota li l-muzika għandha tindaqq biss bejn il-5.00pm u l-10.00pm.

Il-Kunsill unanimament qabel li għandu jsir infurzar mill-*green wardens* fi Triq il-Providenza kantuniera ma Triq it-Tliet Knejjes, ħdejn il-*bring-in-sites* ta' Wesgħa l-Prof. Aquilina u tal-Wied ta' Ħal Balzan peres li hemm min qed jabbuza u jitfa l-iskart u qed tingħata deherha kerha. Il-Kunsill talab lis-Segretarju Ezekuttiv tinforma lid-ditta Innovative Projects Limited biex tressaq l-iskip tagħhom fuq in-naha l-oħra tal-*bring-in-site* biex tkun eqreb lejn il-*bus stop*. Il-Kunsill innota li l-iskip li tqiegħdet hemm bi prova għal-ġimgħa għandha titħalla hemm indefenittivament sakemm jiddeċiedi mod ieħor il-Kunsill u dan isir mingħajr ħlas peres li l-iskip hija tal-kuntrattur tal-Kunsill li jiknes it-toroq.

Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi kien hemm ilment dwar ħmieġ fil-latrina u marret tagħmel spezzjoni u nnutat li l-iskeda tat-tindif li kellha tiġi ffirmata kull meta jsir it-tindif mhiex qed tinżamm skond il-kuntratt. Hija qalet li meta marret hi l-iskeda kienet vojta imma xi ħadd kien qed jimliha wara peres li kienet qed tasal l-uffiċċju ffirmata regolari, għaldaqstant hija kienet qed tassumi li l-iskeda mhiex turi l-verita meta qed isir it-tindif. Il-Kunsill unanimament qabel li l-iskeda trid tinżamm skond il-kuntratt.

## 10. Approvazzjoni biex isir il-ħlas.

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tal-15 ta' Diċembru 2010 (mehmuza) li tammonta għas-somma ta' €23,706.09.

L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier J. Cassar li kien issekondat mill-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijiet ġiet iffirmata minn żewġ kunsillieri biex nuru li hija dokument korrett.

## 11. Affarijiet Oħra.

Is-Segretarju Ezekuttiv innotat li llum li kienet l-aħħar laqgħa tas-sena l-kunsillieri jridu japprovaw li tingħata l-*allowance* lilhom tas-sitt xhur minn Ġunju sa l-aħħar tas-sena. Hija nnutat li kulħadd ħlief is-Sindku attenda l-laqgħat kollha. Is-Sindku kien skuzat għal-laqgħa waħda u l-ittra kienet ġiet mehmuza mal-minuti peres li kien imsiefer fuq xogħol. Fil-laqgħa tat-23 ta' Novembru 2010 is-Sindku ma attendiex u hija ma kienitx ġiet infurmata li mhux ser jattendi u r-raġuni għaliex. F'dan il-ħin, il-Viċi-Sindku għamel intervent fejn qal li s-Sindku kien qal lilu li ma jistax jattendi u kien taħ l-ittra imma ma kienx ipprezenta lis-Segretarju Ezekuttiv u ma kienx jaf fejn qiegħda. Is-Segretarju Ezekuttiv talbet deċizjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill unanimament qabel li s-Sindku għandu jingħata l-*allowance* sħiħa u l-Viċi-Sindku jrid jippreżenta l-ittra lis-Segretarju Ezekuttiv kemm jista jkun malajr biex tiġi mehmuza mal-minuti.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Erbgħa, 12 ta' Jannar 2011 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Dr. J. Zammit Montebello** | **Ms. M. Zammit** |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data